

Brussell, 25 ta' Lulju 2023
(OR. en)

12176/23

AGRI 427
AGRIORG 90
AGRIFIN 92

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 456 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni tal-kriterji tal-allokazzjoni baġitarja u dwar l-impatt tat-trasferimenti baġitarji fuq l-effettività tal-Iskema tal-UE għall-Frott, il-Ħaxix u l-Ħalib għall-Iskejjel

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 456 final.

Mehmuż: COM(2023) 456 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.7.2023
COM(2023) 456 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-applikazzjoni tal-kriterji tal-allokazzjoni baġitarja u dwar l-impatt tat-
trasferimenti baġitarji fuq l-effettività tal-Iskema tal-UE għall-Frott, il-Ħaxix u l-Ħalib
għall-Iskejjel**

WERREJ

1. Introduzzjoni	2
2. Kriterji tal-allokkazzjoni	2
2.1. Sfond legali	2
2.2. Metodoloġija għall-iffissar tal-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ġajjnuna tal-Unjoni għal kull sena skolastika wara l-1 ta' Awwissu 2023	3
2.2.1. Sorsi tad-data	3
2.2.2. Kalkoli	4
2.3. Ir-riżultat tal-applikazzjoni tal-kriterji tal-allokkazzjoni	5
3. L-impatt tat-trasferimenti	6
3.1. Sfond legali	6
3.2. Trasferimenti li saru matul il-perjodu ta' implimentazzjoni 2017-2023	7
4. Konklużjonijiet	8

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 225(e) u (f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, dan ir-rapport jissodisfa tnejn mill-obbligi ta' rapportar relatati tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iskema tal-UE għall-frott, il-ħaxix u l-ħalib għall-iskejjel ("l-iskema tal-iskejjel tal-UE").

L-ewwel obbligu jikkonċerna l-applikazzjoni tal-kriterji ta' allokkazzjoni msemija fl-Artikolu 23a(2), fejn jiġi stabbilit sett ta' kriterji oġġettivi sabiex jiġi allokati l-ammont ġenerali ta' għajjnuna tal-UE għall-iskema tal-iskejjel tal-UE fost l-Istati Membri.

It-tieni obbligu jikkonċerna l-impatt tat-trasferimenti msemija fl-Artikolu 23a(4) dwar l-effettività tal-iskema tal-iskejjel tal-UE fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-frott u l-ħaxix għall-iskejjel u tal-ħalib għall-iskejjel. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-Istati Membri jittrasferixxu darba għal kull sena skolastika sa 20 % ta' waħda jew l-oħra mill-allokkazzjonijiet indikattivi tagħhom, u dan il-perċentwal jista' jiżdied sa 25 % f'każijiet debitament ġustifikati².

2. KRITERJI TAL-ALLOKAZZJONI

2.1. Sfond legali

Skont l-Artikolu 23a(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-ammont globali tal-għajjnuna tal-UE għall-iskema tal-iskejjel tal-UE huwa stabbilit għal EUR 220 804 135 għal kull sena skolastika, li minnhom EUR 130 608 466 huma għall-frott u l-ħaxix u EUR 90 195 669 għall-ħalib.

L-ammonti huma allokati fost l-Istati Membri abbażi tal-kriterji oġġettivi li ġejjin.

- a) In-numru ta' tfal ta' età bejn 6 u 10 snin fl-Istat Membru kkonċernat. Peress li huwa meqjus kruċjali li jiżdied b'mod sostenibbli s-sehem ta' dawk il-prodotti fid-dieti tat-tfal fl-istadju meta jkunu qed jissawru d-drawwiet tal-ikel tagħhom. B'hekk dan jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni (PAK) fl-istabbilizzazzjoni tas-swieq u fl-iżgurar tad-disponibbiltà kemm tal-provvisti attwali kif ukoll ta' dawk futuri (ara l-Premessa 24 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013).
- b) Il-grad ta' żvilupp reġjonali fl-Istat Membru kkonċernat biex jiġi żgurat li livell ogħla ta' għajjnuna tal-UE jiġi allokati għal reġjuni anqas żviluppati u għall-Gżejjer Minuri tal-Eġew f'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007.

⁽²⁾ L-Istati Membri b'reġjuni ultraperiferiċi elenkati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u f'każijiet oħra inkluż fejn Stat Membru jeħtieġ li jindirizza sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur kopert mill-iskema tal-iskejjel, it-tħassib partikolari tiegħu dwar il-konsum baxx ta' wieħed mill-gruppi ta' prodotti, jew bidliet oħra fis-soċjetà.

- c) L-użu storiku tal-ghajjnuna tal-UE għall-provvista ta' ħalib u prodotti tal-ħalib lit-tfal minbarra l-kriterji msemmija fil-punti (a) u (b).

Abbażi ta' dawk il-kriterji oġġettivi, il-Kunsill stabbilixxa l-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-UE għal kull Stat Membru mill-1 ta' Awwissu 2017 sal-31 ta' Lulju 2023 fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013³.

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li, mill-1 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi l-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-UE skont is-sena skolastika għal kull Stat Membru. L-ghajjnuna tal-UE trid issegwi l-istess kriterji ta' allokkazzjoni u tqis l-ammont minimu li l-Istati Membri huma intitolati għalih (EUR 290 000 għall-frott u l-ħaxix għall-iskejjel u EUR 193 000 għall-ħalib għall-iskejjel) sabiex l-Istati Membri b'daqs demografiku limitat ikunu jistgħu jimplementaw skema kosteffettiva.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni stabbiliet l-allokkazzjonijiet indikattivi għall-perjodu ta' 6 snin li jibda mill-1 ta' Awwissu 2023 sal-31 ta' Lulju 2029. Dan ikopri l-perjodu ta' implimentazzjoni stabbilit fl-istrategġija li l-Istati Membri jridu jissottomettu lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2023, f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/40⁴.

2.2. Metodoloġija għall-iffissar tal-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-Unjoni għal kull sena skolastika wara l-1 ta' Awwissu 2023

2.2.1. Sorsi tad-data

a) **L-għadd ta' tfal ta' età bejn 6 u 10 snin** ittieħed mill-aħħar *data* tal-Eurostat "Popolazzjoni fl-1 ta' Jannar skont l-età u s-sess". L-għadd totali ta' tfal ta' età ta' bejn 6 u 10 snin fl-EU-27 żdied bi 2 % fl-2021 meta mqabbel mal-2012. L-akbar żidiet (fil-medda ta' +20 %) ġew irreġistrati fis-Slovenja, fl-Iżvezja, f'Malta, fil-Lussemburgu u fir-Repubblika Ċeka. Iċ-ċensiment naqas bi 13 % fil-Portugall, bejn 5 u 8 % fir-Rumanija, fin-Netherlands, fid-Danimarka, fl-Italja u fl-Ungerija, u b'4 % kemm fil-Greċja kif ukoll fil-Kroazja.

b) **Reġjuni anqas żviluppatti:** il-kategoriji huma definiti fil-"Qafas leġislattiv tal-politika ta' koeżjoni tal-2021-2027"⁵. Dawn huma r-reġjuni fil-livell tan-NUTS2 li fihom il-PDG/*capita* (skont il-PPS - l-Istandard tal-Kapaċità tal-Akkwist - PPS) huwa inqas minn 75 % tal-medja

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agricoli.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/40 tat-3 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi u li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014.

⁽⁵⁾ <https://cohesiondata.ec.europa.eu/2021-2027-Finances/2021-2027-IJG-Categories-of-NUTS2-regions/uxj2-277b/data>

tal-EU-27. Il-**Gżejjer Minuri tal-Eġew** huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 229/2013⁶ bħala l-gżejjer kollha fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia (dawn jikkorrispondu għar-reġjun tan-NUTS2 indikat bħala Greċja 42, Notio Aigaio u jitqiesu bħala r-reġjuni l-oħra anqas żviluppatti).

- c) **L-użu storiku** ttieħed mid-dikjarazzjonijiet tal-infiq ta' kull xahar tal-Istati Membri mibgħuta lill-Kummissjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014⁷ (il-partiti tal-baġit 05 02 18 u 08 02 03 04). Iċ-ċifri użati huma l-medja tal-infiq tal-UE minn kull Stat Membru għall-ħalib għall-iskejjel fl-aħħar 4 snin skolastiċi kompluti: 2017/2018, 2018/2019, 2019/2020 u 2020/2021. Meta mqabbel mal-perjodu 2012 sal-2014, ġiet osservata żieda notevoli fl-infiq (aktar minn 100 %) għall-Bulgarija, għar-Repubblika Ċeka, għall-Irlanda, għall-Italja, għal-Lussemburgu, għal Malta, u għas-Slovenja. Is-Slovakkja żiedet l-infiq b'71 %. Madankollu, l-użu naqas drastikament fi Franza (-96 %) u l-Belġju (-54 %). Ir-rata totali tal-użu storiku fil-livell tal-UE turi żieda ta' 3 %⁸.

2.2.2. *Kalkoli*

Għall-**frott u l-ħaxix għall-iskejjel**, l-ammont totali tal-ghajjnuna tal-UE (EUR 130 608 466) kien allokat inizjalment lill-Istati Membri, b'mod proporzjonali mal-kriterju a) tan-numru ta' tfal ta' età bejn 6 u 10 snin.

Sussegwentement, ġie kkalkolat bonus ta' massimu ta' 20 % b'mod proporzjonali għas-sehem ta' tfal li għandhom bejn 6 u 10 snin fir-reġjuni anqas żviluppatti/fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew f'kull Stat Membru (il-kriterju b). Dan l-approċċ jirriżulta f'ponderazzjoni ta' kważi 5 % għal dan il-kriterju (bonus ta' EUR 7 028 176 fuq total ta' EUR 137 636 642).

L-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-UE li jirriżultaw mis-somma tal-ammonti kkalkolati abbażi tal-kriterji a) u b) tnaqqsu b'mod proporzjonali biex jaqblu mal-ammont totali tal-ghajjnuna tal-UE ta' EUR 130 608 466.

L-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-UE għal kull Stat Membru ġew aġġustati wkoll biex jikkonformaw mar-rekwiżit li kull Stat Membru għandu jirċievi mill-inqas EUR 290 000. Ċipru, il-Lussemburgu u Malta rċievew ammont addizzjonali. L-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-UE għall-Istati Membri l-oħra kollha tnaqqsu b'mod proporzjonali biex jiġi rrispettat l-ammont totali.

Fir-rigward tal-**ħalib għall-iskejjel**, abbażi tal-kriterju a), 60 % tal-ammont totali tal-ghajjnuna tal-UE ġie allokat lill-Istati Membri b'mod proporzjonali man-numru tagħhom ta' tfal ta' età bejn 6 u 10 snin. Abbażi tal-kriterju b), 5 % tal-ammont totali tal-ghajjnuna tal-UE għall-ħalib

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza.

⁽⁸⁾ It-tabelli għall-ħidma u l-kalkoli relatati għat-tliet kriterji huma mogħtija fl-Anness I.

għall-iskejjel għe allokat lill-Istati Membri b' mod proporzjonali man-numru ta' tfal ta' età bejn 6 u 10 snin fir-reġjuni anqas żviluppanti/fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew.

Minbarra dawn iż-żewġ kriterji, 35 % tal-ammont totali tal-ġhajna tal-UE għall-ħalib għall-iskejjel għe allokat lill-Istati Membri b'nefqa medja tal-ġhajna tal-UE għal kull tifel u tifla oġħla mill-medja tal-UE b' mod proporzjonali mal-użu storiku tal-ġhajna tal-UE f' dawk l-Istati Membri, f'konformità mal-kriterju c). Dawn huma l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja.

L-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ġhajna tal-UE għall-ħalib għall-iskejjel li jirriżultaw mis-somma tal-ammonti kkalkolati abbażi tal-kriterji a), b), u c) ġew aġġustati biex jikkonformaw mar-rekwiżit li kull Stat Membru jirċievi ammont ta' mill-inqas EUR 193 000. Il-Lussemburgu u Malta rċievew ammont addizzjonali. L-allokkazzjonijiet indikattivi tal-ġhajna tal-UE għall-Istati Membri l-oħra kollha tnaqqsu b' mod proporzjonali biex jiġi rrispettat l-ammont totali (il-kalkoli dettaljati jinsabu fl-Anness II).

2.3. Ir-riżultat tal-applikazzjoni tal-kriterji tal-allokkazzjoni

Għal 10 Stati Membri (id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija), l-allokkazzjoni indikattiva l-ġdida tal-ġhajna tal-UE għall-frott u l-ħaxix għall-iskejjel hija aktar baxxa milli għall-perjodu preċedenti. It-tnaqqis huwa inqas minn 5 % għall-Greċja, il-Litwanja u l-Ungerija, ivarja minn 5 % sa 10 % għad-Danimarka, għall-Estonja, għall-Kroazja, għall-Italja, għan-Netherlands, u għar-Rumanija, u huwa 15 % għall-Portugall.

Għal 14-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Latvja, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja), l-allokkazzjoni indikattiva l-ġdida tal-ġhajna tal-UE għall-frott u l-ħaxix għall-iskejjel hija oġħla milli għall-perjodu preċedenti. Iż-żieda hija inqas minn 5 % għall-Bulgarija, għall-Ġermanja, għal Spanja, għal Franza, għal-Latvja, għall-Awstrija, għall-Polonja u għall-Finlandja, tvarja minn 5 % sa 10 % għall-Belġju, għar-Repubblika Ċeka, għall-Irlanda, u għas-Slovakkja, u hija ta' 19 % għall-Iżvezja u 20 % għas-Slovenja.

Il-fattur ewlieni għat-tnaqqis jew għaż-żieda fl-allokkazzjoni indikattiva tal-ġhajna tal-UE huwa l-bidla fl-ġhadd ta' tfal ta' età bejn 6 u 10 snin fl-Istati Membri kkonċernati, u għall-Estonja fl-istatus ta' żoni rikonoxxuti inqas żvantaġġati.

Għal Ċipru, għal-Lussemburgu u għal Malta, ma hemm l-ebda bidla fl-allokkazzjoni indikattiva, li tirriżulta mir-rekwiżit *de minimis* (jiġifieri, kull Stat Membru għandu jirċievi ammont ta' mill-inqas EUR 290 000).

Fir-rigward tal-ħalib għall-iskejjel, 15-il Stat Membru (il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja) irċievew allokkazzjonijiet indikattivi aktar baxxi tal-ġhajna tal-UE milli fil-perjodu preċedenti.

It-tnaqqis huwa inqas minn 5 % għall-Belġju u għal Spanja, ivarja minn 5 % sa 10 % għall-Ġermanja, għall-Irlanda, għall-Greċja, għan-Netherlands, għall-Awstrija, għas-Slovenja u għall-Lżvezja, huwa 14 % għall-Italja, minn 20 % sa 30 % għal Franza, il-Kroazja, u l-Finlandja, u 41 % għall-Portugall u 49 % għal Ċipru. Il-Portugall esperjenza tnaqqis ta' 13 % fl-għadd ta' tfal ta' età bejn 6 u 10 snin u l-użu storiku tiegħu naqas b'mod sinifikanti. Ċipru kien irċieva ammont ogħla ta' għajjnuna għall-perjodu preċedenti milli kien ikun intitolat għalih b'applikazzjoni stretta tal-kriterji ta' allokkazzjoni, bħala parti mid-diskussjonijiet interistituzzjonali.

B'mod ġenerali, il-bidliet fl-allokkazzjonijiet indikattivi għall-**ħalib għall-iskejjel** huma aktar sinifikanti mill-bidliet għall-**frott u l-ħaxix**. Dan huwa dovut għat-tielet kriterju tal-użu storiku tal-għajjnuna tal-UE (xi Stati Membri raw tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-għajjnuna tal-UE taħt l-iskema l-ġdida).

Meta wieħed iħares lejn l-ammont indikattiv totali tal-għajjnuna tal-UE (għall-frott u l-ħaxix, u għall-ħalib), tliet Stati Membri raw tnaqqis qawwi: Ċipru (-31 %), il-Portugall (-25 %) u l-Finlandja (-19 %), li l-ebda wieħed minnhom ma rnexxielu juża 100 % tal-allokkazzjoni indikattiva fl-aħħar erba' snin skolastiċi.

3. L-IMPATT TAT-TRASFERIMENTI

3.1. Sfond legali

L-iskema tal-ħalib għall-iskejjel tal-UE u l-iskema tal-frott u l-ħaxix għall-iskejjel tal-UE kienu skemi separati sakemm dawn ingħaqdu f'qafas legali u finanzjarju komuni skont ir-Regolament (UE) Nru 2016/791⁹. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qiesu li approċċ komuni jippermetti lill-Istati Membri jimmassimizzaw l-impatt tad-distribuzzjoni fi ħdan baġit fiss u jżidu l-effiċjenza tal-ġestjoni. Madankollu, sabiex jitqiesu d-differenzi bejn l-iskemi (u l-ktajjen tal-provvista tagħhom) ċerti elementi, bħall-baġits rispettivi, baqgħu separati.

Mill-1 ta' Awwissu 2017, l-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema tal-iskejjel kull sena ppreżentaw it-talba tagħhom għall-għajjnuna tal-UE li tispeċifika l-ammont mitlub għall-frott u l-ħaxix għall-iskejjel u l-ammont mitlub għall-ħalib għall-iskejjel. Kif issemma hawn fuq, ir-Regolament (UE) 1308/2013 jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jittrasferixxu darba kull sena skolastika sa 20 % ta' waħda jew l-oħra mill-allokkazzjonijiet indikattivi tagħhom biex jaġġustaw aħjar għall-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom fl-implimentazzjoni tal-iskema. It-trasferimenti jistgħu jsiru jew:

- (a) qabel l-iffissar ta' allokkazzjonijiet definittivi għas-sena skolastika ta' wara, bejn l-allokkazzjonijiet indikattivi tal-Istat Membru; jew
- (b) wara l-bidu tas-sena skolastika, bejn l-allokkazzjonijiet definittivi tal-Istat Membru,

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema ta' għajjnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fi stabbilimenti edukattivi.

fejn tali allokkazzjonijiet ikunu ġew stabbiliti għall-Istat Membru inkwistjoni.

3.2. Trasferimenti li saru matul il-perjodu ta' implimentazzjoni 2017-2023

L-evalwazzjoni tal-iskema tal-iskejjel tal-UE mill-2017/18 sal-2020/21 uriet li l-possibiltà li l-ghajjnuna tal-UE tiġi ttrasferita bejn iż-żewġ partijiet tal-iskema tal-UE ntużat minn 14-il Stat Membru (abbażi ta' rieżami tad-dokumenti ta' ħidma ppreżentati lid-delegati tal-Istati Membri fil-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, il-prodotti tal-annimali). Dan intuża l-aktar għat-trasferiment ta' fondi mill-ħalib għall-frott u l-ħaxix (f'10 Stati Membri mill-14 bl-użu tat-trasferimenti). Ir-raġuni ewlenija għat-trasferiment kienet li tiġi akkomodata domanda oġhla għall-frott u l-ħaxix, b'mod parallel ma' użu insuffiċjenti tal-baġit għall-ħalib¹⁰.

It-trasferimenti mill-allokkazzjonijiet tal-ħalib għall-allokkazzjonijiet tal-frott u l-ħaxix għall-10 Stati Membri kkonċernati ma ntabx kull sena u l-użu tal-baġit ittrasferit varja minn sena għall-oħra, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

SM	IS-SENA LI FIHA SAR IT-TRASFERIMENT	% UŻAT TAL-AMMONT ITTRASFERIT
Il-Belġju	2017/2018- 2020/2021	0 %
Id-Danimarka	2020/2021	0 %
Il-Ġermanja	2018/2019	100 %
	2017/2018, 2019/2020 u 2020/2021	0 %
L-Irlanda	2017/2018	60 %.
Spanja	2017/2018	30 %
	2018/2019 u 2019/2020	0 %
Ċipru	2017/2018	0 %
	2018/2019	82 %
	2019/2020	0 %
	2020/2021	60 %

⁽¹⁰⁾ Tabella dettaljata tat-trasferimenti tal-ghajjnuna tal-Unjoni bejn il-frott u l-ħaxix għall-iskejjel u l-ħalib għall-iskejjel tinsab fl-Anness III.

Il-Lussemburgu	2017/2018- 2020/2021	100 %
Malta	2017/2018	0 %
In-Netherlands	2017/2018	27 %
	2018/2019	70 %
	2019/2020 u 2020/2021	0 %
L-Awstrija	2017/2018-2018/2019 u 2019/2020	0 %

It-trasferimenti mill-allokkazzjonijiet għall-frott u l-ħaxix għall-allokkazzjonijiet għall-ħalib intużaw minn għadd limitat ta' Stati Membri (Franza, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja), iżda l-ammonti ttrasferiti huma ogħla. Kull sena, l-Iżvezja tuża din il-possibbiltà peress li l-iskema tal-iskejjel tal-UE għall-frott u l-ħaxix ma tiġix applikata hemmhekk; madankollu, is-somma ttrasferita fil-fatt ma tintużax. Franza tittrasferixxi kważi EUR 4,5 miljun kull sena biex ikollha baġits tal-istess daqs kemm għall-ħalib kif ukoll għall-frott u l-ħaxix. Madankollu, iż-żewġ allokkazzjonijiet baqgħu fil-biċċa l-kbira mhux użati matul il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' erba' snin kopert mill-evalwazzjoni. Fil-każ tar-Rumanija biss, l-ammont ittrasferit intuża kollu, bis-saħħa ta' frekwenza akbar fid-distribuzzjoni (kuljum).

4. KONKLUŻJONIJIET

Il-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 biex jiġi allokat l-ammont globali ta' għajjnuna tal-UE għall-iskema tal-iskejjel tal-UE fost l-Istati Membri ġew applikati mill-Kunsill meta adotta r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 (għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2017 sal-31 ta' Lulju 2023), u mill-Kummissjoni permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/106 (għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2023 sal-31 ta' Lulju 2029). Dan tal-aħħar ġie adottat wara opinjoni pożittiva tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli tal-15/12/2022, fejn 24 Stat Membru, li jirrappreżentaw 83 % tal-popolazzjoni tal-UE, esprimew l-appoġġ tagħhom. Fi kliem ieħor, l-applikazzjoni tal-kriterji ġiet approvata b'maġġoranza vasta.

Il-kriterji jibqgħu rilevanti peress li dawn jinkludu tliet prinċipji ewlenin: il-proporzjonalità (l-għadd ta' studenti f'kull Stat Membru); il-koeżjoni (il-grad ta' żvilupp tar-reġjuni); u l-effettività (l-użu storiku). Ir-rieżami li għaddej tal-iskema tal-iskejjel tal-UE jista' jikkunsidra li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tat-tielet kriterju (l-użu storiku) għall-frott u l-ħaxix għall-iskejjel, peress li bħalissa huwa limitat għall-ħalib għall-iskejjel.

Il-possibbiltà li l-għajjnuna tal-UE tiġi ttrasferita ntużat l-aktar mill-ħalib għall-iskejjel għall-frott u l-ħaxix għall-iskejjel. Dan sar biex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem akbar għall-frott u l-ħaxix, li jidher li huwa konsistenti max-xejra 'l fuq fl-għadd ta' tfal li jipparteċipaw fil-

parti tal-frott u l-ħaxix tal-iskema tal-iskejjel tal-UE u x-xejra 'l isfel fl-għadd ta' tfal li jipparteċipaw fil-parti tal-ħalib tal-iskema tal-iskejjel tal-UE¹¹.

F'termini prattiċi, l-ammonti ttrasferiti ntużaw b'mod effettiv biss għal massimu ta' 15 % għat-trasferimenti mill-ħalib għall-frott u l-ħaxix, u 12 % għat-trasferimenti mill-frott u l-ħaxix għall-ħalib. Madankollu, il-possibbiltà ppermettiet lill-Istati Membri jagħmlu użu aħjar mill-għajjnuna tal-UE allokata fejn meħtieġ biex tiżdied il-kopertura f'termini tal-kwantità u l-frekwenza tad-distribuzzjoni. Ir-rieżami kontinwu tal-iskema tal-iskejjel tal-UE jista' jikkunsidra s-simplifikazzjoni tal-approċċ billi jippermetti lill-Istati Membri jużaw l-allokkazzjonijiet nazzjonali tagħhom skont il-ħtiġijiet tagħhom u kif deskritt fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom.

⁽¹¹⁾ B'mod ġenerali, fil-perjodu 2017/18-2020/21, in-numru ta' tfal li jibbenefikaw mill-parti tal-frott u l-ħaxix naqas bi 2,5 % (fil-biċċa l-kbira b'rabta ma' miżuri ta' restrizzjonijiet tas-saħħa biex jiġi limitat it-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19). Madankollu, l-għadd ta' tfal li jibbenefikaw mill-parti tal-ħalib tal-iskema juri tnaqqis kostanti mill-2017/18 'l hawn.